Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nr: 533/2013

Il-Pulizija

Spettur Maria Stella Attard

Vs

Emil Pavlov

Illum 28 ta' Gunju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Emil Pavlov, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 64065A, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Fis-16 ta' Awwissu, 2012, ghall-habta ta' 18.10hrs fi Triq il-Kuncizzjoni, Msida:

1. Saq vettura Nr. DGV-047 b'manjiera traskurata;
2. Saq vettura Nr. DGV-047 b' manjiera perikoluza;
3. Kif ukoll saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-imsemmija vettura Nr. DGV-047 fit-triq jew f'xi post pubbliku mea ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;
4. W' aktar talli saq, ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura Nr. DGV-047 fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjoni tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt;

5. Volontarjament kiser il-kwiet tal-pubbliku w l-bon ordni bl-ghajjat u/jew glied;
6. Ingurja jew hedded lil Twanny Bonanno bil-kliem.
7. Qal kliem oxxen jew kliem indencenti fil-pubbliku;
8. W'aktar bi traskuragni xehet ilma jew hwejjeg ohra malula jew hmiegijiet fuq xi hadd, u cioe' meta bezaq fuq il-persuna ta' Twanny Bonanno.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna jigi skalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien ta' mhux inqas minn sitt xhur.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fid-19 ta' Novembru, 2013, fejn il-Qorti sabet lill-akkuzat hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u kundannatu multa ta' elf u mitejn Ewro (€1,200) u skwalifikatu milli jzomm jew jottjeni licenzja ghal-zmien sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Emil Pavlov, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-29 ta' Novembru, 2013, fejn talab lil din il-Qorti biex tikkancella u tirrevoka is-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellant mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Rat l-atti tal-kawza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant, prodotta mill-prosekuzzjoni fuq talba ta' din il-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant, fejn in-succint jikkonsistu:

Fil-fatt illi l-appellant qatt ma seta' instab hati tal-akkuzi dedotti kontrih u dan in vista' tal-fatt illi ma kienx hemm bizzejjed provi sabiex l-istess appellant jinstab hati.

Dan qed jinghad minhabba l-fatt illi l-Ewwel Onorabbli Qorti talbet lill-Qorti sabiex ma tiehux konjizzjoni tal-provi migjuba bil-lingwa Maltija mill-prosekuzzjoni quddiem dik il-Qorti, liema talba giet milqugha.

Din it-talba saret minhabba illi fl-ewwel seduta, ix-xhieda kollha, l-affidavits, kif ukoll id-dokumenti prodotti kienu kollha bil-lingwa Maltija, u dan anke billi l-partijiet kollha fil-kawza kienu jafu illi l-appellant ma jifhimx il-lingwa Maltija, dan huwa ammess anke minhabba l-fatt illi l-akkuzi hargu kemm bil-lingwa Ingliza u dik Maltija.

Ghaldaqstant, huwa impossibli illi l-Ewwel Onorabbli Qorti tilqa' t-talba sabiex ma tiehux konjizzjoni tal-provi kollha prodotti, imbghad issib lill-appellant hati a bazi ta dawn l-istess provi.

Illi huwa principju baziku ta' smiegh xieraq, illi persuna li tkun ghaddeja minn proceduri kriminali tkun tista' tifhem u tapprezza l-provi li qed jingiebu kontiha u tkun tista' tuza l-ghodda kollha skont il-ligi sabiex tirribatti dawn il-provi u tiddifendi ruhha mill-akkuzi mijguba fil-konfront taghha.

Ikkunsidrat,

Illi l-lanjanza lli iqanqal l-appellanti fir-rikors tieghu ta'l-appell essenzjalment giet sorvolata permezz ta' digriet ta' din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta, tas-27 ta' Novembru 2014. Dan ghaliex l-appellanti fl-aggravvju minnu intentat jilmenta illi l-Ewwel Qorti qatt ma setghet issib htija ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu meta ma kienx hemm provi bizzejjed fl-atti li setghu iwasslu sal-grad mehtieg fil-kamp penali sabiex tissussisti r-reita'. Illi minn qari ta'l-atti johrog illi kemm l-affidavit ta' PS1268 Ivan Caruana kif ukoll ix-xhieda kollha li instemghet fis-seduta tad-09 ta' Lulju 2013 quddiem l-Ewwel Qorti instemghet bil-lingwa Maltija meta l-appellanti ma kienx jifhem bil-Malti u la kien assistit mid-difensur tieghu u lanqas kellu l-assistenza ta' interpretu. Lejn l-ahhar tas-seduta gie mahtur l-avukat ta'l-ghajnuna legali Dr. Noel Bartolo biex jassisti lill-appellanti. Fis-seduta ta' wara u cioe' dik tad-19 ta' Novembru 2013, l-appellanti deher assistit mill-avukat tal-fiducja tieghu ghalkemm kien gie appuntat l-avukat tal-ghajnuna legali. Dak in-nhar l-appellanti kien assistit minn interpretu u l-Qorti ordnat li l-proceduri jinstemghu bil-lingwa Ingliza. F'dak l-

istadju tal-proceduri d-difensur ta'l-appellanti talab lill-Ewwel Qorti sabiex ma tehux konjizzjoni tax-xhieda li kienet giet imressqa mill-prosekuzzjoni *viva voce* billi dawn kienu xehdu bil-Malti u l-appellanti ma kienx jifhem bil-lingwa Maltija fejn dik il-Qorti laqghet it-talba u dan referibbilment ghax-xhieda li kienet instemghet fis-seduta tad-09 ta' Lulju 2013 u cioe' dik tal-PS1268, u tal-konjugi Twanny u Marianne Bonanno. Wara dan id-digriet ghal xi raguni inspjegabbli minflok ma regghet instemghet ix-xhieda, l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi, l-proceduri tkomplew bil-Malti, saret it-trattazzjoni u l-Ewwel Qorti ghaddiet ghad-decizjoni taghha fejn l-Ewwel Qorti strahet fuq ix-xhieda prezentata bl-affidavit u abbazi ta'l-istess sabet lill-appellanti hati ta'l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Abbazi ta' dawn ir-rizultanzi processwali ghalhekk l-appellanti jidhirlu illi l-Ewwel Qorti ma setatx issib htija meta kienet ordnat illi ix-xhieda migjuba 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni ma kenitx ser tiehu konjizzjoni taghhom billi saru bil-Malti meta l-akkuzat ma kienx jifhem bil-lingwa Maltija, inkluz allura l-affidavit imressaq mill-Prosekuzzjoni. Issa ghalkemm huwa minnu illi l-Ewwel Qorti ma haditx konjizzjoni tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni, madanakollu dan kien jirreferi biss ghal dik ix-xhieda mismugha *viva voce* u mhux ukoll ghax-xhieda permezz ta'l-affidavit, li ghalkemm debitament notifikat bih, l-appellanti naqas milli jitlob it-traduzzjoni tieghu u lanqas iressaq oggezzjoni f'dak ir-rigward fil-verbal tad-19 ta' Novembru 2013.

Illi matul l-kors ta' dawn il-proceduri, kif inghad, permezz ta' digriet moghti fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2014 minn din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta, meta l-appellanti kien debitament assistit kemm mill-avukat tieghu, kif ukoll permezz ta'l-interpretu mill-lingwa Maltija ghal lingwa Bulgara u vice-versa, u registrata l-oggezzjoni ta'l-appellanti ghas-smigh mill-gdid tal-provi billi dan kien ser iggib fix-xejn id-decizjoni impunjata, din il-Qorti hekk stqarret:

"L-ewwel Qorti ma kellhiex tiskarta x-xhieda prodotti izda semmai tordna li jinstemghu mill-gdid bil-lingwa Ingliza jew inkella bl-interpretu.

Il-Qorti ta'l-Appell trid tevalwa l-provi li instemghu quddiem l-Qorti tal-Magistrati u tara jekk dawn kienux bizzejjed sabiex iwasslu lill-Ewwel Qorti ghad-decizjoni li wasslet ghaliha u tordna li dawn il-provi jinstemghu mill-gdid u tintuza l-procedura korretta bin-nomina ta' interpretu kif sar f'dan il-kaz."

F'dan l-istadju l-appellant iddikjara illi huwa kien qed jaccetta l-affidavit ta' PS1268 Ivan Caruana minkejja li dan kien redatt bil-Malti u li ma kienx hemm ghalfejn li isir it-traduzzjoni tieghu ghal lingwa Ingliza.

Illi wara dan id-digriet din il-Qorti, kif ippresjeduta, kompliet bis-smiegh tax-xhieda li kienet tressqet quddiem l-Ewwel Qorti, izda li l-Ewwel Qorti ma kenitx hadet konjzizjoni taghha kif diga premess.

Illi ghalhekk rinfaccjata b'dawn ir-rizultanzi processwali din il-Qorti ghalhekk issa trid necessarjament tghaddi biex taghmel evalwazzjoni tax-xhieda mismugha sabiex tara jekk l-Ewwel Qorti setatx legalment u ragjonevolment tasal ghal sejbien ta' htija fil-konfront ta'l-appellanti ghar-reati dedotti kontra tieghu. Illi l-provi essenzjalment kienu dawk tal-PS1268 u tal-konjugi Bonnano, kif inghad.

Illi l-appellanti jinsab akkuzat bir-reat tas-sewqan traskurat u perikoluz, kif ukoll taht l-influwenza tax-xorb, oltre l-akkuzi kontravvenzjonali tal-ksur tal-bon ordni u paci pubblika, kif ukoll tal-ingurja u theddid fil-konfront ta' Twanny Bonanno u li ukoll bezaq fid-direzzjoni tieghu.

Illi l-parti leza u martu jirrakontaw kif fil-jum indikat fl-akkuza ghal habta tas-sitta ta' fil-ghaxija huma kien jinsabu l-Imsida sejrin fid-direzzjoni lejn il-Gzira meta hekk kif Twanny Bonnano, is-sewwieq kien wasal biex idur mar-roundabout li tinsab faccata tal-ghassa tal-pulizija tal-Imsida bl-intenzjoni li jaqsam dik it-triq sabiex jerhilha lejn Rue D'Argens, l-appellanti li kien gej mid-direzzjoni tal-ghajn tal-hasselin fl-Imsida sejjer lejn id-direzzjoni tal-Belt Valletta, sab lill-parti leza ser jaqsam il-karreggjata tieghu u dan rassu mal-*barrier* li hemm fil-genb tat-triq. Jidher illi l-appellanti waqqaf nizel mill-vettura tieghu u beda jinsolenta lil Bonanno u

bezaqlu f'wiccu. Mart l-appellanti marret ghal pulizija li wasal fuq il-post li jistqarr li sab lil Bonanno ighajjat ma'l-appellanti. Il-Pulizija eleva ukoll turnavit li osserva lil Bonnano qed jipprova jiddisponi minnu.

Il-Pulizija ha l-verzjoni ta'l-appellanti li jallega li kien Bonanno li invadielu l-karreggjata tieghu u li meta nizel mill-vettura dan ta'l-ahhar hareg ghalih b'turnavit u inqala' argument verbali bejniethom. Is-surgent Caruana dehrlu li Pavlov kellu riha ta' xorb fin-nifs u ghalhekk ghamillu t-test tan-nifs gewwa l-ghassa tal-pulizija ta' Tas-Sliema fejn gie innotatat li ir-rizultat kien wiehed pozittiv. Dan ir-rizultat huwa fil-fatt esebiet in atti[1].

Illi rinfaccajta b'dawn ir-rizultanzi processwali din il-Qorti tqies illi ghalkemm ma jirrizultax ippruvat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi l-appellanti kien qieghed isuq b'mod traskurat u perikoluz billi l-incident li inqala' kien tali illi kien l-parti leza li invada l-karreggjata tas-sewqan ta'l-appellanti, madanakollu huwa ippruvat illi l-appellanti kien qed isuq il-vettura tieghu meta kien taht l-influwenza tax-xorb tant illi mir-rizultat tat-test tan-nifs il-livell ta'l-alkohol fid-demm kien ghola minn dak permess fil-ligi, oltre illi huwa ghajjar lil Bonnano bil-kliem meta huwa dehrlu li kellu jinzel ghas-sodisafazzjoni mill-vettura tieghu ghal manuvra li kien ghamel Bonanno, tant illi sahansitra bezaqlu f'wiccu.

Dan ifisser allura li ghalkemm l-ewwel zewg akkuzi ma humiex sufficjentement ippruvati, kif ukoll ma hemmx prova illi l-appellanti hedded lil Bonanno, madanakollu l-akkuzi l-ohra jirrizultaw ippruvati. Madanakollu din il-Qorti ma tarax illi hemm lok li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti tigi varjata u dan billi l-piena ikkontemplata fl-artikolu 15H(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-minimu taghha, hija proprju dik l-istess wahda li giet erogata mill-Ewwel Qorti u kwindi din trid tibqa invarjata.

[1] Ara Dokument esebiet a fol.11 tal-process

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appella in parte b'dan illi tikkonfermaha fejn instabet htija ghat-tielet, ir-raba, il-hames, is-sitt, is-sebgha u it-tmien akkuzi migjuba kontra l-appellanti, tirrevokaha madanakollu fejn instabet htija ghall-ewwel zewg akkuzi u tghaddi biex tillibera lill-appellanti minnhom. Tikkonferma madanakollu l-piena inflitta u dan ghal motivi hawn fuq migjuba.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur